Dan l-avviż fil-website TED https://ted.europa.eu/udl?uri=TED:NOTICE:308003-2013:TEXT:MT:HTML

**il-Belġju-Brussell: Sejħa għal espressjonijiet ta' interess EACEA/2013/01 biex titħejja lista ta' esperti biex jgħinu lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura fil-qafas tal-immaniġġar tal-programmi tal-Unjoni Ewropea**
**2013/S 179-308003**

**Avviż dwar sejħa għal espressjonijiet ta' interess**

**Sejħa għal espressjonijiet ta' interess EACEA/2013/01 biex titħejja lista ta' esperti biex jgħinu lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura fil-qafas tal-immaniġġar tal-programmi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv, il-kultura, iż-żgħażagħ, l-isport, il-voluntiera tal-għajnuna tal-UE, u ċ-ċittadinanza jew kull programm ieħor li jkun iddelegat lill-Aġenzija**

1. **Introduzzjoni:**
Il-Kummissjoni Ewropea (li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ 'il-Kummissjoni') waqqfet l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA — li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ 'l-Aġenzija') għall-immaniġġar tal-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura (bħala parti mit-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (il-Ġurnal Uffiċjali L 11 tas-16.1.2003)). Il-missjoni tagħha hi li timplimenta, taħt il-kontroll tal-Kummissjoni, għadd ta' linji u azzjonijiet tal-programmi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iċ-ċittadinanza, iż-żgħażagħ, l-isport, il-voluntiera tal-għajnuna tal-UE, l-awdjoviżiv u l-kultura, kif ukoll in-netwerk tal-informazzjoni dwar l-edukazzjoni fl-Ewropa, Eurydice, jew kull programm ieħor li jkun iddelegat lill-Aġenzija.
L-Aġenzija ngħatat ir-responsabbiltà tal-aspetti ewlenin tal-immaniġġar tal-linji tal-programmi li hi responsabbli minnhom, li jinkludu t-tħejjija tas-sejħiet għall-proposti, l-għażla tal-proġetti u l-iffirmar ta' bosta ftehim dwar l-għotjiet, l-immaniġġar finanzjarju, is-sorveljanza tal-proġetti, il-kuntatti mal-benefiċjarji u l-verifiki li jsiru għall-għarrieda.
L-Aġenzija tagħti wkoll kuntratti għal servizzi, permezz ta' sejħiet pubbliċi għall-offerti, dwar suġġetti li huma rilevanti għall-programmi mmaniġġati mill-Aġenzija.
L-Aġenzija għandha wkoll l-identità legali tagħha stess u tinsab fi Brussell.
2. **L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt:**
L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, avenue du Bourget 1, 1140Brussell, IL-BELĠJU. Email: eacea-info@ec.europa.eu
Il-bażi legali għall-programmi u l-informazzjoni marbuta mal-implimentazzjoni tagħhom jistgħu jinkisbu mis-sit tal-Internet li ġej:
http://eacea.ec.europa.eu
Din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess hi mmaniġġata mill-Aġenzija. L-esperti li jintgħażlu bħala parti mill-qafas ta' din is-sejħa jistgħu jintalbu wkoll biex jgħinu lid-Direttorati-Ġenerali li l-Aġenzija taqa' taħthom (fil-ħin li fih qiegħda tkun ippubblikata din is-sejħa, id-DĠ li taqa' taħthom huma d-DĠ EAC — Edukazzjoni u Kultura; id-DĠ COMM — Komunikazzjoni; u d-DĠ DEVCO — Żvilupp u Kooperazzjoni — EuropeAid) bħala parti mill-qafas tal-attivitajiet tagħhom (il-koordinazzjoni ġenerali tal-miżuri politiċi u l-programmi, il-komunikazzjoni, l-immaniġġar tal-linji li l-Aġenzija mhix responsabbli minnhom), kif ukoll servizzi oħra tal-Kummissjoni u istituzzjonijiet tal-UE.
3. **Il-proċedura tar-reġistrazzjoni:**
L-għan ta' din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess hu li titħejja lista ta' esperti esterni.

L-espressjonijiet ta' interess għandhom isiru b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea billi tintuża l-formola tal-Internet li tista' tinkiseb mis-sit tal-Internet tal-Aġenzija:
http://eacea.ec.europa.eu
L-applikanti qegħdin jintalbu biex jibagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom skont l-istruzzjonijiet li jinsabu fis-sit tal-Internet imniżżel hawn fuq.
Flimkien mal-formola tal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti għandhom jagħtu prova li għandhom il-ħiliet u l-esperjenza professjonali meħtieġa marbuta mal-għanijiet tal-programm(i) li qegħdin japplikaw għalih(om), kif imfisser f'aktar dettall hawn taħt f'punt 11.
Għalkemm wieħed jitniżżel fil-lista, dan ma jfissirx li l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt għandha xi obbligu f'dak li għandu x'jaqsam mal-konklużjoni tal-kuntratti.

4. **L-informazzjoni u d-dokumenti li jridu jingħataw:**
Fl-espressjoni ta' interess tagħhom, il-partijiet interessati għandhom jagħtu d-dettalji kollha tal-kuntatt tagħhom u jniżżlu l-oqsma speċifiċi msemmija f'punt 7 li huma interessati fihom.
Id-dokumenti ta' prova li jridu jingħataw għall-valutazzjoni tal-kriterji tal-għażla huma mniżżla f'punt 11.

5. **Deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura:**
Il-persuni naturali huma mistiedna biex jibagħtu espressjoni ta' interess skont ir-regoli mfissra f'dan l-avviż.
L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt se tħejji lista ta' kandidati li jilħqu l-kriterji mniżżla f'punt 11 hawn taħt.
Jekk xogħol partikulari marbut mal-oqsma mfissra f'punt 7 ikun se jitwettaq minn espert estern, l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt se tqabbad esperti biex iwettqu x-xogħol skont il-ħiliet, l-esperjenza u l-għarfien li jkunu meħtieġa u skont il-prinċipji tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, it-trattament indaqs u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interessi.
L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt se tiżgura wkoll li l-bordijiet ikunu magħmula minn esperti b'mod ibbilanċjat u li l-esperti jinbidlu b'mod xieraq minn żmien għal żmien. Se jitqiesu wkoll l-oriġini ġeografika, il-ħiliet lingwistiċi u l-profil professjonali tal-applikanti. Filwaqt li jitħares il-prinċipju li jintgħażlu l-aktar esperti kkwalifikati, l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt se tfittex li jkun hemm bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel.

6. **L-użu tal-lista li titħejja permezz ta' dan l-avviż:**
Il-lista li titħejja permezz ta' dan l-avviż se tintuża biss għax-xogħlijiet li se jitwettqu bħala parti mill-oqsma mfissra fis-7 punt, u l-ogħla limitu hu ta' EUR 130 000 (l-ogħla ammont għal kull espert għal matul iż-żmien kollu tas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess. Din ir-regola għandha x'taqsam biss mal-ħlasijiet li jsiru skont il-formoli tal-ordni li jinħarġu mill-Aġenzija) tal-pagamenti kollha (li jinkludu kemm il-ħlasijiet lil min jagħmel ix-xogħol u l-ispejjeż li jintraddu lura).

7. **Deskrizzjoni sħiħa tal-oqsma li jaqgħu taħt is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess:**
L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt qiegħda tniedi din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess biex tħejji lista ta' esperti biex jgħinu fit-twettiq tax-xogħlijiet li ġejjin:
a) Il-valutazzjoni tal-proposti li jaslu bi tweġiba għas-sejħiet għall-proposti:
i. il-valutazzjoni tal-proposti;
ii. bħala l-espert ewlieni, jingħata appoġġ lil grupp ta' esperti u tingħata għajnuna għall-garanzija tal-kwalità.
b) Il-valutazzjoni u s-sorveljanza tal-proġetti:
i. il-valutazzjoni tar-rapporti dwar il-proġetti;
ii. il-valutazzjoni tal-prodotti u tar-riżultati tal-proġetti;
iii. is-sorveljanza tal-proġetti u ż-żjarat fuq il-post;
iv. kull xogħol ieħor marbut mal-analiżi u/jew is-sorveljanza tal-programmi u l-proġetti.
ċ) Studji speċifiċi u bosta analiżi marbuta mal-oqsma ta' attività.
d) It-traduzzjoni jew l-editjar ta' dokumenti bil-lingwi meħtieġa.
e) Appoġġ lill-Aġenzija waqt avvenimenti pubbliċi.

f) Kull xogħol ieħor marbut mal-programmi mmaniġġati mill-Aġenzija.
L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt tista' teħtieġ kompetenza barranija għax-xogħlijiet imfissra hawn fuq fl-oqsma ta' kompetenza li ġejjin:
1. Erasmus +:
1.1. l-edukazzjoni għall-adulti;
1.2. l-edukazzjoni ogħla;
1.3. l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;
1.4. l-edukazzjoni fl-iskejjel;
1.5. TIK għat-tagħlim;
1.6. it-taħriġ u t-tagħlim tal-lingwi, il-multilingwiżmu;
1.7. it-tixrid tar-riżultati u l-prattika;
1.8. l-isfruttament tar-riżultati;
1.9. appoġġ għar-riforma tal-politika;
1.10. l-attivitajiet Jean Monnet;
1.11. iż-żgħażagħ;
1.12. l-isports.
2. l-Ewropa għaċ-ċittadini:
2.1. l-istorja tas-seklu XX;
2.2. is-soċjoloġija, il-valuri u ċ-ċittadinanza;
2.3. l-ekonomija soċjali u s-solidarjetà;
2.4. ix-xjenza politika;
2.5. l-aspetti etiċi u dawk marbuta mas-soċjetà.
3. Ewropa Kreattiva:
3.1. Il-mezzi tax-xandir:
3.1.1. appoġġ għall-iżvilupp tal-films;
3.1.2. appoġġ għall-iżvilupp tal-logħob tal-vidjow;
3.1.3. appoġġ għall-ipprogrammar tat-TV;
3.1.4. appoġġ għall-aċċess tas-suq;
3.1.5. appoġġ għall-festivals;
3.1.6. appoġġ għat-trawwim tal-ħila/it-taħriġ;
3.1.7. appoġġ għad-distribuzzjoni teatrali;
3.1.8. appoġġ għad-distribuzzjoni fuq l-Internet;
3.1.9. appoġġ għall-proġetti pilota;
3.1.10. appoġġ għal-litteriżmu tal-films.
3.2. Il-kultura:
3.2.1. proġetti ta' kooperazzjoni;
3.2.2. it-traduzzjoni letterarja;
3.2.3. netwerks;
3.2.4. pjattaformi;
3.2.5. appoġġ għall-proġetti pilota.
4. Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE.

8. **Il-post tal-kunsinna:**
Skont kif ikun meħtieġ, ix-xogħlijiet jistgħu jitwettqu fil-bini tal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt, f'kull bini ieħor fejn tkun se ssir attività organizzata mill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt, jew jitwettqu mill-bogħod billi jintużaw l-għodod tal-komunikazzjoni elettronika.

9. **Id-data ta' meta tiskadi l-lista li titħejja wara din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess:**
Il-lista li titħejja permezz ta' dan l-avviż tkun tgħodd għal matul iż-żmien tal-programmi mmaniġġati mill-Aġenzija, i.e. sal-31.12.2020.
Il-partijiet li huma interessati jistgħu jitfgħu applikazzjoni f'kull waqt qabel l-aħħar 3 xhur tal-perijodu li fih tkun tgħodd il-lista.

10. **Il-kriterji tat-twarrib:**
Il-kandidati se jinżammu milli jieħdu sehem f'din is-sejħa jekk:
(a) huma falluti jew qiegħed jingħalqilhom in-negozju, qiegħed ikollhom l-affarijiet tagħhom amministrati mill-qrati, daħlu fi ftehim mal-kredituri, waqqfu l-attivitajiet tan-negozju, huma s-suġġett ta' proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' dawk l-affarijiet, jew jinsabu f'xi sitwazzjoni bħal din li ġejja minn proċedura tal-istess tip skont il-leġislazzjoni jew ir-regolamenti nazzjonali;
(b) huma, jew il-persuni li għandhom il-poter li jirrappreżentaw, li jieħdu d-deċiżjonijiet jew li jikkontrollawhom, kienu nstabu ħatja ta' nuqqas marbut mal-imġiba professjonali tagħhom permezz ta' sentenza ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru li għandha s-saħħa ta' 'res judicata';
(ċ) huma kienu nstabu ħatja ta' nuqqas serju fl-imġiba professjonali tagħhom ppruvat b'kull mezz li l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt tista' tiġġustifika, anki b'deċiżjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;
(d) huma m'humiex jimxu mal-obbligi tagħhom li għandhom x'jaqsmu mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew il-ħlas tat-taxxi skont id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż fejn huma mwaqqfa jew ma' dawk tal-pajjiż tal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt jew dawk tal-pajjiż fejn se jitwettaq il-kuntratt;
(e) huma, jew il-persuni li għandhom il-poter li jirrappreżentaw, li jieħdu d-deċiżjonijiet jew li jikkontrollawhom, kienu s-suġġett ta' sentenza li għandha s-saħħa ta' 'res judicata' minħabba frodi, korruzzjoni, jew għax kienu midħla ta' xi organizzazzjoni kriminali jew kull attività illegali oħra, fejn attività illegali bħal din tmur kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
(f) huma suġġetti għal piena amministrattiva għax instabu ħatja li qarrqu meta taw it-tagħrif meħtieġ mill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt meta din kienet waħda mill-kundizzjonijiet biex jieħdu sehem fil-proċedura tal-ksib jew naqsu milli jagħtu dan it-tagħrif, jew instabu li qegħdin fi ksur serju tal-obbligi tagħhom f'kuntratt li jaqa' taħt il-baġit;
(g) għandhom kunflitt ta' interess b'rabta mal-kuntratt; kunflitt ta' interess jista' jinħoloq l-aktar minħabba interessi ekonomiċi, rabtiet politiċi jew nazzjonali, rabtiet tal-familja jew emozzjonali, jew kull rabta oħra li għandha x'taqsam jew interess komuni.
Qabel ikun iffirmat kuntratt, l-esperti se jipprovdu stqarrija fuq l-unur tagħhom li turi li huma ma jinsabux f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' twarrib imniżżla hawn fuq. Jekk ikun hemm xi dubju, huma jistgħu jintalbu biex jagħtu dokumenti ta' prova li m'humiex f'sitwazzjonijiet ta' twarrib.

11. **Il-kriterji tal-għażla:**
L-esperti se jintgħażlu skont il-ħila professjonali u teknika tagħhom biex iwettqu x-xogħlijiet imfissra f'din is-sejħa skont il-kriterji li ġejjin:
— esperjenza ta' mill-inqas 4 snin fil-qasam tal-kompetenza li jaqa' taħt il-ftehim speċifiku,
— il-ħila li wieħed jaħdem bl-Ingliż u/jew il-Franċiż u/jew il-Ġermaniż (mill-inqas il-livell B2 għall-ewwel lingwa u mill-inqas B1 għal-lingwi l-oħrajn) (it-tipoloġija tal-kurrikulu tal-karriera trid tkun mit-tip tal-Europass: http://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/european-skills-passport/language-passport/templates-instructions).
L-esperjenza u l-ħiliet kollha mitluba hawn fuq se jkunu vvalutati skont l-informazzjoni li l-applikanti jridu jipprovdu fil-kurrikulu tal-karriera tagħhom fuq l-Internet li jagħmel parti mill-applikazzjoni tagħhom.

Il-ħila li wieħed juża għodod tat-TI hi kundizzjoni li trid tintlaħaq minn qabel biex wieħed jintgħażel bħala espert estern.

12. **Il-kundizzjonijiet tal-ħlas u l-ispejjeż li jintraddu lura lill-esperti:**

Il-kuntratti jridu jkunu ffirmati mill-esperti magħżula, i.e. il-persuni naturali. Mhi se tintlaqa' l-ebda fattura minn entitajiet privati jew tal-liġi pubblika.

12.1. Il-miżati:

L-espert magħżul se jirċievi l-ammonti li ġejjin għas-servizzi tiegħu/tagħha mogħtija fil-qafas ta' din is-sejħa għal espressjoni ta' interess:

http://eacea.ec.europa.eu/about/call_experts/documents/experts-fees.xlsx

Ġurnata tax-xogħol titqies li hi jum 1 tax-xogħol tal-espert magħżul, fejn il-ħin normali tax-xogħol għal ġurnata 1 jimxi mal-liġijiet u r-regoli li jinsabu fis-seħħ fil-pajjiż fejn se jingħataw is-servizzi. M'hemmx ħlas għas-sigħat li jinħadmu wara l-ħin normali tax-xogħol ta' kuljum. Ir-rati t'hawn fuq se jkopru l-ispejjeż tas-salarji u l-ispejjeż l-oħra kollha bħall-ispejjeż tas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż amministrattivi u l-ispejjeż ġenerali regolari fit-tmexxija tan-negozju.

12.2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni li jintraddu lura:

Jekk ikunu meħtieġa għat-twettiq tax-xogħlijiet u dejjem jekk il-kuntratt jaħseb għalihom, l-espert magħżul se jirċievi lura l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni tiegħu/tagħha skont ir-regoli u r-rati applikati mill-Kummissjoni Ewropea li jitniżżlu fl-abbozz tal-formola tal-ordni u skont id-dokumenti oriġinali ta' prova (p.e. fatturi). Jekk wieħed jirriżerva l-postijiet fuq l-Internet, hi meħtieġa kopja stampata tar-riżerva elettronika. Id-dokumenti li jingħataw għandhom juru l-klassi tal-ivvjaġġar li ntużat, iż-żmien tal-vjaġġ u l-ammont imħallas.

13. **Tagħrif ieħor:**

13.1. It-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali li jgħoddu għas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess:

Id-dokumenti kollha li jingħataw mill-esperti jsiru l-proprjetà tal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt u se jitqiesu li huma kunfidenzjali. L-ispejjeż marbuta mat-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet m'humiex se jintraddu lura mill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt.

Id-drittijiet marbuta mas-servizzi li jitlestew bħala parti mill-kuntratt u dawk li għandhom x'jaqsmu mad-duplikazzjoni u l-pubblikazzjoni tagħhom se jibqgħu l-proprjetà tal-Unjoni Ewropea.

It-trasmissjoni jew il-pubblikazzjoni ta' kull dokument ibbażat, kollu kemm hu jew parti minnu, fuq ix-xogħol li jitlesta bħala parti minn dan il-kuntratt, tista' ssir biss bil-permess tal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt.

Meta wieħed jitfa' applikazzjoni bi tweġiba għal din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess, ifisser li l-espert ikun qiegħed jilqa' d-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet kollha mniżżla f'din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess, u tat-termini kollha miġbura fl-abbozz tal-kuntratt. L-esperti se jċedu l-kundizzjonijiet tan-negozju tagħhom stess.

13.2. L-ipproċessar tad-dejta personali:

Jekk waqt l-ipproċessar tat-tweġibiet għal din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess ikun meħtieġ li tkun irreġistrata u pproċessata dejta personali (bħal: l-isem, l-indirizz u l-KK), din id-dejta se tkun ipproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-ħarsien tal-individwi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunità u dwar iċ-ċaqliq ħieles ta' tagħrif bħal dan. Sakemm ma jingħadx mod ieħor, it-tweġibiet għal dan l-avviż u kull dejta personali li tintalab se jkunu meħtieġa għall-iskopijiet imniżżla hawn fuq f'punt 5 u se jkunu pproċessati biss għal dawk l-iskopijiet mill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt imsemmija f'punt 2, li hi wkoll l-kontrollur tad-dejta.

L-applikanti huma mgħarrfa li, bl-iskop li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, id-dejta personali tista' tkun ittrasferita lill-entitajiet li jissorveljaw lill-Aġenzija (i.e. il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Awdituri, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), eċċ.) u l-awtoritajiet ġudizzjarji (i.e. il-qrati tal-UE, l-Ombudsman Ewropew, eċċ.).

Id-dejta personali (l-isem, l-isem mogħti f'każ ta' persuna naturali, l-indirizz, l-għamla legali, in-numru tar-reġistrazzjoni, u l-isem u l-isem mogħti tal-persuni li għandhom il-poter li jirrappreżentaw, li jieħdu d-deċiżjonijiet jew jikkontrollaw, f'każ ta' persuna legali) jista' jkun irreġistrat fis-sistema ta' twissija bikrija (EWS) biss jew kemm fl-EWS kif ukoll fil-ħażna ċentrali ta' tagħrif dwar l-esklużjoni (CED) mill-Uffiċjal taż-Żamma tal-Kontijiet tal-Kummissjoni Ewropea, jekk l-applikanti jkunu jinsabu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fi:
— id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/969 tas-16.12.2008 dwar is-sistema ta' twissija bikrija (għal aktar informazzjoni ara l-istqarrija dwar il-privatezza fl-indirizz http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/legal_entities/legal_entities_en.cfm),
jew
— ir-Regolament tal-Kummissjoni 2008/1302 tas-17.12.2008 dwar il-ħażna ċentrali ta' tagħrif dwar l-esklużjoni (għal aktar informazzjoni ara l-istqarrija dwar il-privatezza fl-indirizz http://ec.europa.eu/budget/explained/management/protecting/protect_en.cfm#BDCE).
Kif imfisser fl-istqarrija dwar il-privatezza msemmija hawn fuq, kull min jiddaħħal fil-ħażna ta' tagħrif għandu d-dritt li jkollu aċċess għat-tagħrif miżmum dwaru u li dan ikun ikkoreġut, fuq talba li ssir lill-Uffiċjal taż-Żamma tal-Kontijiet tal-Kummissjoni Ewropea.
13.3. Kunflitt ta' interessi:
Biex tingħata garanzija tal-awtonomija tal-esperti fit-twettiq tax-xogħlijiet li jingħatawlhom, huma se jkunu meħtieġa li jiffirmaw stqarrija li tikkonferma li m'hemm l-ebda kunflitt ta' interess bejn l-attivitajiet, il-proposti, ir-rapporti, il-fajls, il-prodotti u/jew ir-riżultati li jingħatawlhom, u l-attivitajiet tal-passat, tal-preżent u tal-ġejjieni tagħhom.
Barra minn hekk, l-esperti ma jistgħux ikunu involuti b'mod personali fl-attivitajiet, il-proposti jew il-proġetti li jkunu marbuta max-xogħlijiet li jingħatawlhom. Minħabba din ir-raġuni, l-esperti magħżula se jkunu meħtieġa jipprovdu din l-informazzjoni qabel ikunu mistiedna jieħdu sehem fi kwalunkwe għażla jew xogħol ta' valutazzjoni.
13.4. Il-kodiċi tal-imġiba:
L-espert se jwettaq il-kuntratt skont l-ogħla standards professjonali. L-espert se jerfa' r-responsabbiltà waħdu biex jimxi mal-obbligi legali kollha li jaqgħu fuqu, l-aktar dawk li joriġinaw mil-liġi dwar ix-xogħol, il-liġi tat-taxxa u l-leġislazzjoni soċjali.
L-espert irid jgħarraf lil terzi entitajiet li huma ma jagħmlux parti mis-servizz pubbliku Ewropew (huma m'humiex kategorija ta' impjegati u dan għaliex huma jaħdmu b'kuntratt ta' servizz u mhux kuntratt tax-xogħol), u li m'humiex fdati bi kwalunkwe xogħol iddelegat, affiljazzjoni jew mandat, iżda qegħdin iwettqu xogħlijiet f'isem l-Unjoni Ewropea.
13.5. Il-kunfidenzjalità:
Għal kull xogħol li jwettqu, l-esperti magħżula għandhom jagħtu prova ta' mġiba etika xierqa u jridu jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u d-dokumenti li se jkollhom aċċess għalihom.
Fil-kuntratt se jiddaħħlu klawsoli speċifiċi għal dan l-iskop. Dan il-ftehim dwar il-kunfidenzjalità jorbot lill-espert biex ma jaqsamx ma' kull terza persuna, ħlief l-impjegati tal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt li jkollhom x'jaqsmu b'mod dirett max-xogħol, l-informazzjoni li l-espert se jikseb jew jipproduċi f'rabta mat-twettiq tax-xogħol (xogħlijiet).
13.6. It-trasparenza wara t-twettiq:
Id-dettalji tal-kuntratturi li jkunu daħlu f'kuntratt ta' iktar minn EUR 15 000 kull sena, li jingħata skont il-proċedura mfissra f'punt 5, se jkunu ppubblikati fis-sit tal-Interent tal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara l-għoti tal-kuntratt.

Dawn id-dettalji jinkludu l-isem, il-post (l-indirizz għall-persuni legali u r-reġjun tal-oriġini għall-persuni naturali), l-ammont, u s-suġġett tal-kuntratt. Għall-persuni naturali, l-informazzjoni se titneħħa sentejn (2) wara s-sena li fiha jingħata l-kuntratt.

14. **Id-data ta' meta ntbagħat dan l-avviż:**
3.9.2013.

15. **Id-data ta' meta wasal għand l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet:**
3.9.2013.